# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 110/24/F

**Carmelo u Jane Galea**

**vs**

**Nikola Vikovic**

Illum, 9 ta' Lulju 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-22 ta' Mejju 2024;

Ra li minkejja li ġie debitament notifikat, l-intimat naqas milli jippreżenta Risposta;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-intimat naqas milli jattendi għas-seduta tat-8 ta' Lulju 2024;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħhom, ir-Rikorrenti qed jitolbu li l-intimat jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' sitt elef u ħames mitt Euro (€6,500). Dan

wara li huma inkarigawh biex jagħmel ix-xogħol kollu ta' installazzjoni u madum fuq kamra tal-banju ġdida fir-residenza tagħhom u l-qlib tal-*walk-in shower* sar ħażin tant li kif jixhed ir-Rikorrent, meta wieħed jinħasel fix-*shower*, flok lejn id-*drain*, l-ilma jaqbad jiskula lejn il-bieb tal-kamra. Jgħidu li minkejja li ppruvaw jikkuntattjaw lill-intimat diversi drabi sabiex tinstab soluzzjoni, inkluż tramite l-assistenza tal-MCCAA, l-intimat baqa' jgħaddi ż-żmien bihom. Jispeċifikaw illi huwa qed jitolbu l-ispejjeż biex isir xogħol rimedjali inkluż l-installazzjoni ta' shower tray, l-ispejjeż kollha legali u professjonali li inkorrew kif ukoll danni morali għall-inkonvenjenza sofferta.

Illi r-rikorrenti inkarigaw lill-Perit Karys Schembri, li għamlet rapport dwar dak li kkonstatat fil-kamra tal-banju tar-Rikorrenti. Dan ir-rapport ġie eżebit in atti mir-rikorrenti. In suċċint, il-Perit Schembri tikkonkludi li wara li saru tlett provi bl-ilma, "*following these three experiments and checking the level with the spirit level, it is quite clear that the gradient should have been a bit steeper to allow the natural flow of water and prevent spilling onto the other end and the level of water rising unnecessarily*". Bħala rimedju, l-istess Perit tirrakkomensda li jsir *custom-made resin shower tray* u jiġi nstallat fuq il-post wara li jsiru ukoll xogħlijiet preparatorji ta' tneħħija ta' xi madum u *waterproofing* skont kif elaborat fir-rapport. Tistma li x-xogħlijiet rimedjali, inkluż il-materjal u x-xogħol ser jiswew madwar tlett elef Euro (€3,000).

Illi r-Rikorrenti jippreżentaw ukoll fatturi għal spejjeż konnessi mal-ispedizzjoni ta' ittra uffiċjali kif ukoll tar-rapport peritali li flimkien jammontaw għas-somma ta' erba mija u sittin Euro u sebgħin ċenteżmu (€460.70).

Illi l-intimat ma ppreżentatx Risposta u lanqas ma deher għas-seduta tat-8 ta' Lulju 2024 quddiem it-Tribunal u għalhekk, bl-assenza inġustifikata tiegħu għas-seduta, l-intimat naqas milli jagħti l-verżjoni tal-fatti skontu. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni;

Illi indipendentament mill-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrenti irnexxielhom jipprova l-każ tagħhom skont il-liġi u li dak li qed titlobu jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tagħhom bħala Konsumatur;

Illi għalhekk, it-Tribunal iqis li din it-Talba timmerita akkoljiment u ser jikkonċedi r-rimedju mitlub mir-Rikorrenti għax huwa l-aktar wieħed idoneju fiċ-ċirostanzi biss ser ikun hemm temperament tal-kwantu likwidat sabiex jiġu riflessi l-ammonti li huma attwalment sostanzjati mill-provi miġjuba quddiem it-Tribunal.

Illi rigward it-talba tar-Rikorrenti għal danni morali, it-Tribunal jirreferi għall-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta u jqis li bin-nuqqasijiet lampanti fix-xogħlijiet imprenduti mill-intimat u aktar bin-nuqqas minn naħa tiegħu li jipprovdi rimedju tajjeb u f'waqtu, ir-Rikorrent sofrew inkonvenjenza. Għalhekk, ser jiġu likwidati ukoll danni morali fl-ammont ta' erba mija u ħamsin Euro (€450).

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha parzalment u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti is-somma komplessiva ta' tlett elef, disa mija u għaxar Euro u sebgħin ċenteżmu (€3,910.70).**

**L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu kollha mill-intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***